**30 ta' Novembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Joseph Camilleri

**Bejgħ – Difetti li ma jidhrux – Azzjoni *Redhibitoria* – Appalt**

*L-attur eżerċita l-azzjoni redhibitoria. Il-pretensjoni tiegħu ġiet miċħuda mill-Qorti ta' Għawdex għaliex sabet illi l-oġġetti in kwistjoni sett ta' salott tal-kewba ma kienx afflitt b'difett ta' ċerta gravità. Ġiet milqugħa l-kontro-talba għall-ħlas proposta mill-konvenut.*

*Il-Qorti ta' l-Appell fuq appell ta' l-attur sabet illi l-kuntratt "de quo" kien wieħed ta' appalt u mhux ta' bejgħ. Konsegwentement l-azzjoni redhibitoria ma setgħetx tiġi eżerċitata.*

*Ġew miċħuda, għal raġunijiet differenti minn ta' l-ewwel Qorti, it-talbiet u l-appell ta' l-attur.*

1. Iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – kompetenza Kummerċjali Superjuri. L-attur kien xtara mingħand il-konvenut, sett ta' salott tal-kewba bil-prezz ta' elf u tliet mitt lira (Lm1,300) u dan is-salott irriżulta li ma kienx meħjut skond is-sengħa, partijiet minnu mqattgħa u bis-*sopra porta* nieqsa. Minħabba dawn il-vizzji redibitorji huwa talab li l-vendità tiġi xolta u l-konvenut jiġi kkundannat li jieħu lura s-salott li kkonsenja;

2. Il-konvenut oppona, fl-ewwel lok, il-preskrizzjoni li jsemmi l-artikolu 1481(1) tal-Kodiċi Ċivili – illum art. 1431(1) Kap. 16. Fi kwalunkwe każ, fil-mertu, is-salott ma kellu ebda vizzju redibitorju;

3. Il-konvenut ippropona rikovenzjoni u talab il-kundanna ta' l-attur biex iħallas l-elf u tliet mitt lura (Lm1,300) prezz tas-salott. L-attur esprima illi billi huwa kien qed jimpunja l-vendità, il-prezz ma kienx dovut;

4. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ġiet ippronunzjata fit-30 ta' April, 1991, u fil-parti essenzjali tagħha taqra hekk:

"Illi l-ewwel ħaġa li trid tiġi determinata minn din il-Qorti, hija l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu. Din il-preskrizzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili li jippreskrivi terminu ta' xahar mid-data tal-konsenja għal azzjoni simili għal din in eżami;

Josephine Camilleri, mart il-konvenut xehdet li hi tieħu

ħsieb ir-*records* tal-konvenut u minn dawna jirriżulta li l-‘*Wall Unit*’ ġie kkonsenjat fit-13 ta’ Ottubru, 1986, waqt illi s-sufan fis-27 ta’ Ottubru, 1986. Irriżulta mill-atti illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fil-21 ta’ Novembru, 1986. Għad illi l-attur ma qal xejn dak inhar tal-konsenja, dana beda jilmenta xi ftit ġranet wara. L-istess Josephine Camilleri xehdet a fol. 24: “Ma jidhirilix *li l-attur ċempel dak inhar iżda ċempel xi ġranet wara u tani* saħna. Beda jilmenta dwar il-ħjata..... Deherlu li aħna konna ser nidħqu bih”;

Din ix-xiehda ma ġietx ikkontestata u l-Qorti ma għandha l-ebda raġuni l-għala m’għandhiex toqgħod fuqha speċjalment għad-dati li semmiet;

L-art. 1431 fuq imsemmi l-għeluq ta’ xahar minn dak inhar tal-konsenja tal-ħaġa mibjugħa jew minn dak in-nhar li seta’ jinkixef id-difett. Il-“*Wall Unit*” ġie kkonsenjat fit-13 ta’ Ottubru, 1986, u jidher li l-ilmenti bdew xi ġranet wara. Għalhekk, dana jpoġġi l-*wall unit* oltre t-terminu stabbilit ta’ l-artikiolu fuq imsemmi u kwalunkwe lment fuq din il-biċċa għamara hu *ormai* preskritt. Il-kawża però ġiet intavolata fi żmien biex tkopri l-ilment dwar is-sufan;

Rigward dan, l-attur qed jilmenta li l-ħjata m’hijiex skond l-arti u s-sengħa u li d-drapp ivarja l-kulur (*vide* fol. 14) u għalhekk qed jitlob ix-xoljiment tal-bejgħ u qed jippromwovi din l-*azzjoni redibitorja*;

Il-Qrati tagħna kellhom okkażjoni li jippronunzjaw irwieħhom fuq dan l-aspett diversi drabi b’tagħlim kostanti matul iż-żmien;

Fil-kawża riportata fil-Vol. XXIV P. I. P. 981 insibu li l-Qorti kienet qalet: "*Perchè i vizii siano redibitori e quindi produttivi dell'analoga azione, è necessario che tali vizii siano di una certa gravità la cui misura è determinata dalla legge su due criteri, l'uno obiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all'uso cui è destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o al meno l'avrebbe acquistata a prezzo minore;*

(Ara wkoll kawżi riportati Voli. XVIII P. III P. 26; XXI. P. I. P. 116 u 399; XXII P. II P. 75; XXVII. P. I P. 909; XXVIII. P. II. P. 1254; XXIX. P. I P. 591; XXXI. P. I. P. 538; XXXIII. P. II. P. 371; XXXII. P. I. P. 19 u 163; XLII. P. II. P. 855 u XLIII. P. I. P. 317 u 545);

L-aktar kliem determinanti f'dan it-tagħlim huwa "*.....assoluta inettitudine della cosa all'uso cui è destinata.....*" li dejjem ġew interpretati mill-Qrati tagħna bħala ta' ċerta gravità u entità. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **'Vincenza Schembri *vs* George Azzopardi'** 22-6-1959 (*Vol.* XLIII P. *317*) il-Qorti ta' l-Appell qalet fost affarijiet oħra: "L-azzjoni estimatarja bħal dik redibitorja, tiġi mill-garanzija li biha l-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa illi jagħmluha m'hijiex tajba għall-użu li għalih hi maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma jkunx jixtriha, jew li joffri prezz iżgħar, kieku kien jaf bihom. Dan ifisser illi, biex ikun hemm lok għall-azzjoni bbażata fuq din il-garanzija jeħtieġ li d-difett ikun ta' ċerta gravità relattivament għall-ħaġa mibjugħa u għall-prezz imħallas għaliha";

Riċentement dan it-tagħlim ġie segwit ukoll fil-kawża fl-ismijiet **"Saviour Abela *vs* Laurence Cassar"**, Avviż Inf. 109/87/M tas-6 ta' Diċembru, 1990;

Il-grad ta' gravità tad-difett lamentat u għalhekk ta' importanza massima għall-eżitu ta' din il-kawża;

L-ewwel Perit Tekniku Francis Xavier Zammit ma sab l-ebda difett partikolari fix-xogħol tal-konvenut waqt illi l-periti perizjuri sabu illi s-salott hu miksi skond l-arti u s-sengħa u l-bellus maħdum nieżel 'l isfel kif suppost. Sabu però erba' difetti fis-sufan, l-ewwel li nġibed il-ħjata fuq il-bellus u ġie fuq quddiem. It-tieni li waħda mis-*sections* hija dislivellata. It-tielet li hemm ġonta ta' żewġ *cushions* minn taħt illi mhux suppost saret u r-raba' illi hemm ħsara żgħira taħt is-sufan illi ġiet ikkawżata meta s-sufan ġie ttrasportat. Din l-aħħar ħsara ssewwiet. Skond dawn il-periti, id-difett fil-ħjata jidher sew fil-għajn u dan hu possibbli li jitranġa basta li jinsab bellus tat-tip oriġinali. Fil-fatt dan hu l-aktar difett serju u meħud in konsiderazzjoni s-somma ta' dan is-salott, dan jonqsu l-*finishing* *(vide* fol. 91 *et seq);*

Minn din ix-xiehda jirriżulta ċar li d-difetti lamentati ma humiex ta' ċerta gravità meta jiġu rrelatati ma' l-istess oġġett u l-prezz imħallas. Żgur li ma jistax jingħad li l-oġġett, f'dan il-każ is-sufan, ma jistax jintuża għall-iskop li għalih hu intiż. Id-difetti li fih ma jwasslux għal dan u jistgħu jiġu riparati. Veru li fil-kawża fl-ismijiet **"Perit Emanuel Borg *vs* Clo Petroni *noe*"**, 29 ta' Jannar, 1954 (Vol. XXXVIII P. I P. 279) il-Qorti qalet: "Xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jiġi riparat", dak li jimporta hu esklussivament l-istat u l-kundizzjoni tal-ħaġa fil-mument meta din tgħaddi għar-riskji u perikolu tal-kumpratur;

u min iħallas il-prezz ġust ta' ħaġa ġdida ma għandux jiġi kostrett jikkuntenta b'ħaġa msewwija, kbira jew żgħira kemm tkun dik it-tiswija''. Apparentement dan huwa in kontradizzjoni mad-deċiżjonijiet aktar 'il fuq imsemmija peress illi skond din is-sentenza kwalunkwe difett jista' jintitola lix-xerrej jitlob għar-risoluzzjoni tal-bejgħ. Dina però m'hijiex l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata peress illi dana jwassal għas-sitwazzjoni fejn, per eżempju persuna toħroġ karozza ġdida u jkollha dak li hu komunament magħruf bħala *''teething troubles''* allura dan jintitola lix-xerrej jieħu l-karozza lura. Dan żgur li m'huwiex il-każ u l-interpretazzjoni korretta trid tkun fis-sens li l-ewwelnett id-difetti jridu jkunu gravi tant li jagħmlu l-ħaġa mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba mbagħad wieħed jista' jargumenta li ''...xejn jimporta li l-vizzju jista' jiġi riparat...'';

Mill-provi li ġew prodotti, speċjalment mir-relazzjoni tal-Periti Perizjuri, irriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-ħsarat li fih is-sufan m'huwiex daqshekk gravi li jagħmluh mhux tajjeb għall-użu li għalih huwa maħsub;

Għal dawn ir-raġunijiet, u wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, taqta' u tiddeċidi billi fil-waqt illi tiċħad it-talba ta' l-attur, tilqa' l-kontro-talba tal-konvenut, tikkundanna lill-attur li jħallas lill-konvenut is-somma ta' Lm1,300 għall-għamara mertu ta' din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-attur'';

5. L-attur appella għaliex (a) is-sentenza qasmet il-bejgħ ta' oġġetti ta' l-injam biss, ikkonsenjati fit-13 ta' Ottubru, 1986, mill-bejgħ tas-sofa u l-biċċiet l-oħra tappezzati, li ġew ikkonsenjati fis-27 ta' Ottubru, 1986, u mix-xiehda ta' Josephine Camilleri,

il-Qorti kkonkludiet illi l-bejgħ ta' l-ewwel oġġetti kkonsenjati kien preskritt u dan huwa skorrett għaliex il-kliem "xi ġranet" ma jfissrux preċiż dak li qalet il-Qorti, u għalhekk il-konvenut ma ppruvax il-preskrizzjoni allegata; (b) jekk l-ewwel aggravju huwa korrett, allura jridu jiġu kkonsiderati d-difetti fix-xogħol ta' l-injam *(ċ) fit-tieni lok, is-sentenza interpretat il-ġurisprudenza* fuq il-vizzju redibitorju b'mod żbilanċjat għaliex irrestrinġietha prattikament għal kwalifika unika tal-gravità". Il-kriterju li l-vizzju huwa biżżejjed jekk jirrendi l-oġġett mhux tajjeb għall-użu li għalih kien iddestinat ġie interpretat b'mod assolut u l-kriterju l-ieħor tal-vizzju li jnaqqas il-valur ta' l-oġġett mixtri, ġie prattikament injorat;

6. L-art. 1431(1) jirregola illi:

"L-azzjoni redibitorju u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni... għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, fl-għeluq ta' xahar minn dak in-nhar tal-konsenja tal-ħaġa mibjugħa";

Din il-Qorti għandha fl-ewwel lok tosserva illi għalkemm iċ-ċitazzjoni ta' l-attur tgħid illi huwa "xtara" mingħand il-konvenut l-oġġetti mobbli li jelenka, il-provi juru mingħajr ebda dubju li l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta' vendità iżda pjuttost wieħed ta' appalt li huwa rregolat fl-artikoli 1633 sa 1643 Kap. 16 u mhux ta' bejgħ;

Fix-xiehda tal-konvenut tas-7 ta' Diċembru, 1987, huwa jgħid:

"Azzopardi kien ra sufanijiet bħal dak li **ordna. Meta kien lest** għditlu jiġi jarah fix-"*showroom.....*";

Dwar il-kewba għandi ngħid li din **inħadmet skond kif is-soltu naħdmu,** ċjoè l-faċċata mastizza u l-ġenb *"blockboard"*. **Ħaddieħor hekk ukoll jaħdem. Altrimenti ma tinħadimx b'dak il-prezz"**;

*Il-mara tal-konvenut, Josephine Camilleri, fl-istess data* qalet:

"L-attur kien ra xi ritratti u ordna fuqhom. Ma jidhirlix li ra xi sett fix-*"showroom"*. L-attur ordna l-biċċiet kollha f'daqqa..... **Il-ħjata u d-drapp nagħmlu jiena,** il-ħjata ma fiha xejn ħażin għaliex id-drapp ma kienx iwassal aktar. **Jiġifieri trid taħdem skond il-wisgħa tal-pezza"**;

U, finalment, l-attur fix-xiehda tal-15 ta' Diċembru, 1987, jgħid:

"Meta mort nordna x-xogħol għand il-konvenut, jiena ordnajt.....il-konvenut qalli li **xogħol ta' kewba mastizz kien ser jagħmel.** Qalli wkoll li jekk jiena ridt niffranka kelli mmur għand ħaddieħor **iżda xogħol bħal tiegħu ma kontx sejjer insib"**;

Minkejja dawn il-provi kollha ċari u univoċi, matul il-kawża kollha, il-partijiet u l-Qorti, baqgħu jikkonsidraw illi dak li kellu jirregola in-negozju ġuridiku li daħlu għalih il-partijiet, kienu ir-regoli li l-Kodiċi Ċivili jippreskrivi għall-kompra-vendità u mhux dawk ta' l-appalt;

Issa l-preskrizzjoni invokata mill-konvenut stabbilita fl-art. 1431 Kap. 16, tapplika għall-azzjoni redibitorja proponibbli, fil-każi kongruwi, għall-kuntratt ta' vendità li effettivament ixolji

dak il-kuntratt billi l-kompratur''

"...jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz''

kif jgħid l-art. 1427 Kap. 16;

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' xahar – art. 1431(1) Kap. 16 mhix proponibbli;

7. *Minn dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti jsegwi li din il-Qorti ma tistax* tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravju avvanzat *kontra sentenza* li tiċħad l-azzjoni redibitorja ta' l-attur *meta legalment dik* l-azzjoni *ma* kinitx proponibbli. Prattikament din il-Qorti, għalkemm l-*obiter dicta* ta' dik is-sentenza m'humiex kondiviżibbli, b'dan kollu, l-istess sentenza ċaħdet il-pretensjoni ta' l-attur u għalhekk din il-Qorti mhix se tiddisturba dik il-konklużjoni għalkemm naturalment, dak li din il-Qorti qed tagħmel, għandu raġuni għal kollox differenti, għaliex l-azzjoni redibitorja kif proposta mill-attur mhix proponibbli f'dawk it-termini meta l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' appalt u mhux ta' vendità;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tirrespinġi l-appell ta' l-attur, kif ukoll l-azzjoni minnu eżerċitata u għalhekk tiċħad it-talbiet tiegħu;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza kif ġà rregolati, waqt li dawk ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mill-partijiet kif inkorrewhom.